MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 394/1998/2

**Mario Micallef, Giovanni Micallef, Carmelo Micallef, Emmanuel Micallef, Catherine Meli mart James, Betty Caruana mart Silvio, Ikoll ahwa Micallef, ulied il-mejjet Joseph Micallef**

**v.**

**Joseph Difesa u martu Rita**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoniipprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ippremettew illi

huma b’cedola ta’ depozitu ta’ rkupru u kontestwalment ta’ depozitu fir-Registru ta’ dik il-Qorti bin-numru 776/97 annessa u immarkata bhala dok XX1 ezercitaw id-dritt ta’ rkupru successjonarju spettanti lilhom stante li saret vendita ta’ beni li jiffurmaw parti mis-successjoni ta’ Bartholomeo *sive* Albert Debono li miet fit-tlettax ta’ Jannar elf disa’ mija tnejn u sebghin (1972) u permezz ta’ zewg testmenti fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef, wiehed tat-tmienja u ghoxrin ta’ April elf disa’ mija u hamsa u sittin (28/4/1965) u l-iehor tas-sebgha u ghoxrin ta’ Frar elf disa’ mija u sebghin (27/2/1970) wirtu l-ghalqa in kwistjoni s-sitt hutu u cioè Grazia mart Julian (*sic*), Marianna mart Carmel Sammut, Catherine mart Francesco Bonello, Josephine mart Carmelo Camilleri, Giovanna mart Bertu Micallef u Carmela mart Joseph Micallef; illum l-istess ahwa Debono kollha mietu u wirtu uliedhom jew l-aventi kawza taghhom; illi l-atturi huma ulied il-mejjet Joseph Micallef iben Giovanna Debono oht Bartholomeo Debono u mart Albert Micallef; illi b’zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Gafà tas-sitta u ghoxrin ta’ Settembru, elf disa’ mija u erbgha (u) disghin (26/9/1994) u tat-tmienja u ghoxrin ta’ Gunju elf disa’ mija u sitta u disghin (28/6/1996) il-konvenuti akkwistaw sehem indiviz ta’ l-ghalqa già deskritta fil-kuntratti msemmija u annessi u ghalhekk l-istess cedola ta’ rkupru u kontestwali depozitu gew introdotti f’dik il-Qorti stante li l-atturi huma *co-eredi* u komproprjetarji ta’ l-istess fond li gie mibjugh; illi hemm id-dritt ta’ rkupru successjonarju ta’ l-atturi u dan minhabba li jirrizultaw ir-rekwisiti kollha ta’ l-Artikolu 912 tal-Kap. 16, u l-atturi ottemperaw ruhhom mad-disposizzjonijiet relattiv(i); illi minkejja c-cedola u interpellazzjoni skond il-ligi xorta ma kienx hemm att notarili opportun ta’ rivendizzjoni li sar mehtieg in forza ta’ l-irkupru successorju ezercitat kontra l-konvenuti; talbu ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: 1) tiddikjara u tiddecidi li l-irkupru successorji (*sic*) ezercitat mill-atturi bic-cedola numru 776/97 u kontestwali depozitu ghar-rivendizzjoni ta’ l-ishma hemmhekk indikati huma skond il-ligi; 2) tordna u tikkundan(n)a lill-istess konvenuti halli jersqu u ssir il-pubblikazzjoni ta’ l-att notarili ta’ rivendizzjoni opportun ta’ l-ishma tal-fond; 3) tinnomina nutar, kuraturi deputati fil-kaz tal-kontumacja ta’ l-istess konvenuti u tiffissa l-hin u

modalitajiet ohra ghall-pubblikazzjoni ta' l-istess kuntratt; bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, guramentata minn Mario Micallef, u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha eccepew:
Illi in linea preliminari l-azzjoni kontemplata mill-atturi hija ormaj estinta a tenur ta' l-Artikolu 912(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan is-sens ghandu jigi rilevat li huma kellhom jiddikjaraw l-intenzjoni taghhom permezz ta' att gudizzjarju fi zmien xahar.

Illi ghandu jirrizulta li huma ghamlu dan permezz ta' cedola ta' depozitu pprezentata fis-17 ta' Settembru 1997 meta kienu già jafu bil-bejgh in kwistjoni minn Frar 1997 tant li pprezentaw nota ta' eccezzjonijiet fis-26 ta' Frar 1997 fil-kawza fl-ismijiet *Joseph Difesa v. Carmelo Micallef et* (Citaz. nru. 2365/96NA) li tirrigwarda talba ghad-divizjoni/licitazzjoni ta' l-istess proprjetà.

Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut ihoss li l-procedura adoperata mill-atturi ma tinkwadrax ruhha fit-termini ta' l-Artikolu 912 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-jeddijiet li jivvantaw l-istress atturi mhux dawk kontemplati fil-ligi *essendo* li hawn mhux *si tratta* ta' cessjoni b'titolu onoruz ta' jeddijiet ta' wirt imma bejgh ta' porzjoni indiviz ta' bicca art, avolja l-istess art setghet kienet formanti parti minn wirt.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata minn Joseph Difesa, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza *in parte* tad-disgha (9) ta' Dicembru, 2002 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenuti bl-ispejjez kontra taghhom;

Rat illi, ghalkemm il-konvenuti interponew appell mill-imsemmija sentenza tad-9 ta' Dicembru, 2002, l-istess konvenuti, permezz ta' nota ipprezentata fit-tlieta (3) ta' Frar, 2004 (fol. 87) cedew l-appell taghhom;

Rat is-sentenza tat-tnejn (2) ta' Frar, 2005 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet hekk:
"… prevja l-akkoljiment tat-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, tirrespingi t-talbiet ta' l-atturi, bl-ispejjez tal-kawza jigu sopportati mill-istess atturi, hlief ghal dawk riferibilment ghad-decizjoni già moghtija fid-9 ta' Dicembru 2002, li ghandhom jitbatew mill-konvenuti",

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Skartata l-ewwel eccezzjoni bid-decizjoni ta' din il-Qorti tad-9 ta' Dicembru 2002 dak li baqa' x'jigi ezaminat jirrigwarda l-eccezzjoni l-ohra tal-konvenuti li permezz taghha huma jikkontendu li l-procedura adoperata mill-atturi ma tinkwadrax ruhha fil-parametri ta' l-Artikolu 912 tal-Kodici Civili. Huma jispjegaw dan billi jsostnu illi c-cessjoni li saritilhom, b'titolu oneruz, ma kienetx ta' jeddijiet ta' wirt, imma bejgh ta' porzjoni indiviza ta' bicca art, anke jekk dik l-art kienet tifforma parti minn eredità;

"Jokkorri qabel xejn li jigu esposti l-fatti ewlenin li taw lok ghal din il-kawza:-

(1) B'kuntratt datat 26 ta' Settembru 1994, atti Nutar Dottor Carmel Gafà (ara kopja a fol. 11), il-konvenuti akkwistaw, ad eccezzjoni ta' sehem l-atturi u dak ta' Villa Monsinjur Gonzi lilha laxxat mill-wirt ta' Grazia Micallef, ishma indivizi ta' diversi ko-eredi ta' l-ghalqa denominata "Ta' l-Iskoll" fil-kontrada ta' Bahar-ic-Caghaq;

(2) Din l-ghalqa kienet tifforma parti mill-beni ereditarji ta' Bartolomeo Debono li miet fit-13 ta' Jannar, 1972. Ara denunzja tieghu a fol. 94;

(3) Permezz ta' kuntratti datati 3 ta' Lulju 1973 (fol. 104) u taz-zewg kuntratti datati 25 ta' Settembru 1973 (fol. 112 u fol. 120) l-eredi ta' l-imsemmi Bartolomeo Debono iddisponew minn xi immobbli specifici lilhom devoluti. L-

ghalqa in diskussjoni baqghet ma nbieghetx mill-eredi diretti tieghu izda, kif gjà espost, ishma minnha gew trasferiti minn successuri ohra permezz tal-kuntratt precitiat tas-26 ta' Settembru 1994;

(4) Fis-17 ta' Settembru 1997 l-atturi, permezz ta' Cedola ta' Depozitu (ara kopja a fol. 7) urew il-hsieb taghhom li jipprevalixxu ruhhom mid-dritt minnhom vantat ta' l-irkupru successorju *ai termini* ta' l-Artikolu 912 tal-Kapitolu 16, u effettivament ghaddew ghad-depozitu tas-somma rapprezentanti l-prezz tat-trasferiment li sar lill-konvenuti flimkien ma' l-ispejjez tal-kuntratt u t-taxxa tal-boll;

"Mill-premessi fatti jidher li l-punt involut huwa essenzjalment legali u li r-rizoluzzjoni tieghu tiddependi mill-interpretazzjoni li trid tigi akkordata lill-Artikolu 912 tal-Kodici Civili. Jinsab provvdut fis-subinciz (1) tieghu illi: 'jekk wiehed mill-werrieta jkun ceda, b'titolu oneruz, il-jeddijiet tieghu fuq il-wirt lil xi hadd li ma jkunx ukoll werriet, il-werrieta l-ohra jew wiehed jew izjed minnhom jistghu jeskludu lic-cessjonarju, allavolja dan ikun qarib tal-mejjet, mill-qasma, billi jhallsu lilu l-prezz tac-cessjoni, l-ispejjez li jkun ghamel ghal dik ic-cessjoni, u l-imghaxijiet fuq il-prezz minn dakinhar li dak il-prezz ikun gie mhallas minnu lic-cedent';

"Bhala fonti storika jinghad li l-precitat dispost tal-ligi hu mehud minn dak ta' l-Artikolu 1064 tal-Kodici ta' Sardegna, minn dak ta' l-Artikolu 975 tal-Kodici ta' Parma, Piacenza u Guastella, u minn dak ta' l-Artikolu 841 tal-Kodici Franciz, bid-differenza li l-ligi taghna meta titkellem fuq il-persuna li tista' tigi eskluza mid-divizjoni, tqieghed il-kondizzjoni li dik il-persuna ma tkunx 'koeredi', mentri l-Kodici Franciz ighid '*non sia succesibile*'. Ara Kollez. Vol. XXX P I p 481. Dejjem f'din l-istess sentenza jinghad li l-fondament principali tad-disposizzjoni huwa l-eskluzjoni ta' l-estraneji fil-hwejjeg tal-familja. '*L'articolo 615 della detta Ordinanza* (korrispondenti ghall-Artikolu 912) *dà il diritto ad un coerede di escludere dalla divisione l'acquirente estraneo*' (Kollez. Vol. XX P I p 24);

"Dan affermat, il-gurisprudenza taghna *in subjecta materia* tissokta tippreciza illi '*è principio universalmente riconosciuto in materia di retratto legale che le leggi o le consuetudini che lo permettono, essendo esse contrarie alla libertà della disponibilità dei beni, sono di stretta interpretazione*' (Kollez. Vol. XXV P I p 99);

"Tali principju hu rikonoxxut ukoll f'materja ta' rkupru successorju tant li anke hawn hu accettat illi '*il diritto codesto è di stretta applicazione*' (Kollez. Vol. XXVI P II p 353) u ma huwiex suxxettibbli ta' interpretazzjoni estensiva billi huwa kuntraju ghall-libertà tad-disponibilità tal-beni u eccezzjoni ghad-dritt komuni (*Angelo Grech et – v. - Luigi Vella*, Appell Civili, 19 ta' Novembru 1973);

"Is-suesposti principji jsegwu t-taghlim dottrinali ta' bosta awturi affermati. Fost ohrajn, l-*Laurent* jsostni illi '*la proprietà certamente è di ordine pubblico, poiche è la base dell'ordine sociale; ora il diritto di retratto viola la proprietà. Esso deroga alla libertà … Che il diritto di retratto sia eccezionale non può presentare alcun dubbio*' - '*Principii di Diritto Civile*', Vol. X para. 342 u 343). Konsegwentement, fil-fehma tat-trattisti, b'mod generali, id-dritt ta' l-irkupru ma jistax jigi konsagrat b'interpretazzjoni estensiva in kwantu mhux ammessi eccezzjonijiet ghar-regola komuni tal-libertà li wiehed jiddisponi mill-hwejjeg proprji tieghu;

"*Ciononostante* dak li ghadu kif gjà kummentat, gie deciz ukoll li '*sebbene la legge abbia stabilito che ciascun consorte si ritenga avere piena proprietà della sua quota, e dei relativi utili e frutti, permettendone l'alienazione, e la cessione, e l'ipoteca; tuttavia ha limitato l'effetto dell'alienazione e dell'ipoteca a quella porzione, che venga a spettargli nella divisione - articolo 191* (illum Artikolu 495, Kodici Civili). *Anzi, disponendo in un modo equitativo, nel caso un coerede si volesse valere della facoltà accordategli, ha fornito i mezzi di escludere i non eredi dalla divisione - articolo 615* (illum Artikolu 912, Kodici Civili).' Kollez. Vol. IX pagna 643;

"Korrettement intiz, l-Artikolu 912(1) hu cirkoskritt unikament ghall-kaz ta' cessjoni tal-kwota ereditarja *ossia* 'tal-jeddijiet fuq il-wirt' da parti tal-koeredi. M'hemmx dubbju illi l-fond meritu ta' l-azzjoni jifforma parti mill-assi ta' l-awtur ta' l-atturi. Huwa indubitat ukoll illi l-aljenazzjoni li ghamlu whud mill-koeredi bil-kuntratt tas-26 ta' Settembru 1994 ma kienetx tal-kwota ereditarja taghhom izda tas-sehem indiviz li kull wiehed u wahda minnhom kellhom ta' l-immobbli determinat. Il-fatt li fost l-assi ta' Bartolomeo Debono kien ghad baqa' biss dik l-ghalqa specifika ma jgibx ghal daqshekk illi allura l-koeredi kienu qeghdin jittrasferixxu l-kwota ereditarja taghhom ghax kien baqa' biss dik il-proprjetà;

"Huwa car mill-kontenut tal-kuntratt illi dak li kienu qeghdin jakkwistaw il-konvenuti ma kienetx xi kwota ereditarja integra, intiza din bhala porzjoni ta' unità attiva u passiva li tikkomponi l-eredità tad-*decujus*. Fil-fatt il-kuntratt espressament jipprovdi li l-konvenuti akkwirenti kienu qed jixtru ishma mill-ghalqa ad eccezzjoni ta' dawk il-porzjonijiet konsistenti fi kwart minn sest indiviz appartenenti lil kull wiehed u wahda mill-persuni hemm indikati, u cjoè, Luigi Camilleri, Grazia Micallef, u l-eredi ta' Joseph Micallef, ossija l-atturi prezenti;

"Vizwalizzata minn din l-ottika, u b'applikazzjoni tal-principji suddetti, ma jistax ragonevolment jinghad illi dak pretiz mill-atturi bhala rkupru successorju jirrientra fid-dispost ta' l-Artikolu 912 fuq espress;

"Fuq din it-tema, ghall-kwezit minnu stess sollevat, jigifieri jekk ir-retratt successorju jistax jigi ezercitat meta c-cessjoni tabbraccja oggett determinat ta' l-eredità, il-*Laurent*, filwaqt li jirrikonoxxi li l-kwestjoni hi wahda kontroversa, iwiegeb hekk: '*Noi non esitiamo a deciderla negativamente. Il testo è formale: perche si faccia luogo al retratto occorre che il coerede abbia ceduto il suo diritto alla successione*.' Ic-cessjoni li jaghmel koeredi ta' dritt tieghu f'immobbli specifiku mhix cessjoni tad-dritt successorju tieghu ('*Principii di Diritto Civile*', Vol. X para 364).

"Kaz analogu ghal dak hawn trattat hu dak deciz fl-ismijiet *Emanuel Schembri nomine – v. – Paul Camilleri*, Appell, 12 ta' Gunju 2001, ben familjari ghall-gudikant sedenti li kien jippatrocina l-interessi fil-gudizzju tal-konvenut akkwirent. Din il-Qorti taghmel espressa referenza ghal konsiderandi fiha kontenuti";

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-atturi illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu hekk:
"… illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka is-sentenza appellata deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Frar 2005, hlief ghal dik il-parti fejn il-konvenuti appellati gew ikkundannati ihallsu l-ispejjez tas-sentenza moghtija fid-9 ta' Dicembru 2002, u tghaddi biex tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-kontro-parti appellata";

Rat ir-risposta <u>u l-appell incidentali</u> tal-konvenuti appellati illi bihom, ghar-ragunijiet hemm esposti, kwantu ghall-appell interpost mill-atturi, issottomettew illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, bl-ispejjez, u, kwantu ghall-appell incidentali, talbu hekk:
"… li din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imhallef Philip Scicluna [*sic*] tad-9 ta' Dicembru 2002 fl-ismijiet premessi u konsegwentement tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti appellati bl-ispejjez kontra l-appellanti";

Illi ma jirrizultax illi l-atturi ipprezentaw risposta ghall-appell incidentali interpost mill-konvenuti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi, qabel xejn, huwa utili illi jigi rilevat illi fl-ewwel (1) paragrafu tar-risposta taghhom ghall-appell interpost mill-

atturi, il-konvenuti appellati issollevaw is-segwenti pregudizzjali (l-ewwel pagina):
“Illi preliminarjament l-appell odjern huwa null stante illi ma fihx referenza ghall-eccezzjonijiet ta’ l-appellat [*sic*], u dan kuntrarjament ghal dak li jiddisponi l-Artikolu 143 tal-Kap. 12”;

Illi waqt l-udjenza mizmuma minn dina l-Qorti fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Frar, 2006, fost affarijiet ohra, gie verbalizzat hekk:
“Dr. David Camilleri jirtira l-eccezzjoni tieghu tan-nullità tar-rikors ta’ l-appell ibbazata fuq l-Artikolu 143 tal-Kap. 12”;

Illi, peress illi dina l-Qorti ma ghandha ebda dubbju illi d-dikjarazzjoni appena citata ta’ l-Avukat Dottor David Camilleri saret ghan-nom tal-konvenuti appellati, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-pregudizzjali hawn fuq imsemmija;

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tar-rikors ta’ appell pjuttost twil jirrizulta illi l-aggravju ta’ l-atturi kontra s-sentenza appellata huwa illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta affermat illi l-Artikolu 912 tal-Kodici ghandu jinghata interpretazzjoni restrittiva u meta, *per conseguenza*, fi kliem ir-rikors ta’ appell (pagina 4):
“… ikkonkludiet illi t-trasferiment irid ikun essenzjalment tal-jeddijiet tal-wirt u mhux ta’ immobbli specifiku formanti parti mill-assi ereditarji tad-*decujus*”;

In sostenn ta’ dik il-parti ta’ dan l-aggravju illi tirrigwarda l-ghamla ta’ interpretazzjoni illi ghandha tinghata lill-Artikolu 912 tal-Kodici Civili l-atturi jaghmlu s-segwenti sottomissjoni fir-rikors ta’ appell taghhom:
“L-ewwel Onorabbli Qorti … <u>tistrieh fuq</u> gurisprudenza kopjuza tal-qrati taghna f’dan ir-rigward l-aktar <u>sentenzi antiki</u> u taghti din l-interpretazzjoni ristretta …” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

Dina l-Qorti, filwaqt illi tafferma illi ma issib xejn hazin filli qorti tapplika principji stabbiliti f' "sentenzi antiki" dment illi tkun perswaza illi dawk il-principji ikunu ghadhom applikabbli ghall-kaz illi jkollha quddiemha ghad-decizjoni, ma tistax ma tosservax illi l-aktar sentenza recenti illi hemm referenza ghaliha fis-sentenza appellata hija dik ta' dina l-Qorti, diversament komposta, tat-tnax (12) ta' Gunju, 2001 - certament mhux "sentenza antika" - fil-kawza fl-ismijiet *Emanuel Schembri noe. v. Paul Camilleri et*. Tajjeb illi tigi hawn citata s-segwenti silta qasira izda pertinenti minn din is-sentenza:
"Il-vertenza ticcentra fuq l-istatut ta' l-irkupru successorju kif regolat bl-Artikolu 912 tal-Kap. 16. Dan id-dispozittiv <u>eccezzjonali</u> , … <u>hu ta' applikazzjoni ristrettissima</u>, …" (sottlinear ta' dina l-Qorti);

Anke dina l-Qorti hija tal-fehma illi ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva lill-Artikolu 912 tal-Kodici Civili;

Sabiex isostnu t-tezi taghhom illi anke t-trasferiment ta' immobbli singolu formanti parti minn eredità huwa kolpit mill-Artikolu 912 tal-Kodici Civili l-appellanti, fir-rikors ta' appell, jaghmlu riferenza ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-sitta (6) ta' Ottubru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet *Joseph Abela et v. Emanuela Gerada et*, b'mod partikolari ghas-segwenti silta minnha:
"Illi ma hemmx dubbju li s-sehem mill-proprjetà li giet trasferita in forza tal-kuntratt … tifforma parti minn wirt u li t-trasferiment sar b'titolu oneruz. Ghalhekk dan it-trasferiment huwa milqut bil-provvediment ta' l-Artikolu fuq citat [912 tal-Kodici Civili]";

Dina l-Qorti ma taqbilx mal-kontenut tas-silta appena citata minn sentenza ta' Qorti ta' l-ewwel grad izda pjuttost taqbel mal-kontenut tas-segwenti silta mis-sentenza già citata fl-ismijiet *Emanuel Schembri noe. v. Paul Camilleri et* (illi, kif già inghad, hija ta' dina l-Qorti diversament komposta), senjatament ma' dawk il-partijiet illi gew sottolineati mill-Qorti illi ippronunzjat l-istess sentenza:
"Dan id-dispozittiv eccezzjonali [l-Artikolu 912 tal-Kodici Civili], li hu wiehed ta' applikazzjoni ristrettissima, jghodd

fil-kaz meta wiehed mill-werrieta jkun ceda, b'titlu oneruz, il-jeddijiet tieghu fuq il-wirt lil xi hadd li ma jkunx werriet";

Kienet korretta, ghalhekk, l-ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata affermat hekk (fol. 148):
"Korrettement intiz, l-Artikolu 912(1) hu cirkoskritt unikament ghall-kaz ta' cessjoni tal-kwota ereditarja *ossia* 'tal-jeddijiet fuq il-wirt' da parti tal-ko-eredi. …;

"Huwa car mill-kontenut tal-kuntratt illi dak li kienu qeghdin jakkwistaw il-konvenuti ma kienitx xi kwota ereditarja integra, intiza din bhala porzjoni ta' unità attiva u passiva li tikkomponi l-eredità tad-*decujus*";

Huwa interessanti, f'dan ir-rigward, dak illi jghidu l-appellanti fis-segwenti silta mir-rikors ta' appell taghhom (pagina 4):
"L-aljenazzjoni ta' sehem indiviz li ghamlu uhud mill-ko-eredi fuq din il-proprjetà partikolari kienet tifforma parti mill-jeddijiet li huma kellhom fuq il-wirt …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

L-Artikolu 912 tal-Kodici Civili, "li hu ta' applikazzjoni ristrettissima", ma jghidx "parti mill-jeddijiet tieghu fuq il-wirt" izda jghid "il-jeddijiet tieghu fuq il-wirt";

Ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, l-aggravju in ezami ta' l-appellanti ma huwiex fondat;

Ikkunsidrat:

Illi, ghall-kompletezza, tajjeb illi jigi rilevat illi dina l-Qorti ma taqbilx mas-segwenti affermazzjoni dwar il-proprjetà in kwistjoni kontenuta fir-rikors ta' appell (pagina 4):
"… din kienet l-unika proprjetà li kien fadal minn dana il-wirt u kwindi l-kwota ereditarja li kien fadal minn dan il-wirt kienet biss is-sehem indiviz illi l-eredi kellhom fuq din il-proprjetà partikolari";

u anqas taqbel mal-kontenut tas-segwenti dikjarazzjoni fis-sentenza appellata (fol. 148):

"… fost l-assi ta' Bartolomeo Debono kien ghad baqa' biss dik l-ghalqa specifika …";

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, mill-atti processwali ma jirrizultax b'mod konkluziv illi meta gew ippubblikati l-kuntratti illi taw lok ghall-kawza odjerna l-ghalqa in kwistjoni kienet l-unika proprjetà indiviza illi kien ghad fadal mill-assi ereditarji ta' Bartolomeo Debono. Infatti, id-dikjarazzjoni akkompanjanti l-att ta' citazzjoni giet konfermata bil-gurament mill-attur Mario Micallef u fiha, b'riferenza ghall-imsemmija ghalqa, jinghad, fost affarijiet ohra (fol. 3):

"… l-atturi b'cedola ta' depozitu ta' rkupru … esercitaw d-dritt ta' rkupru successjonarju spettanti lilhom stante li saret vendita ta' beni li jiffurmaw parti mis-successjoni ta' Bartholomeo *sive* Albert Debono …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Fil-mori tal-kawza l-attur Mario Micallef ipprezenta *affidavit* tieghu, akkompanjat minn diversi dokumenti (fol. 90 sa 127), bl-iskop principali illi jipprova illi l-ghalqa in kwistjoni kienet l-unika proprjetà indiviza appartenti lill-eredità ta' Bartolomeo Debono. Permezz tad-dokumenti illi esebixxa, Mario Micallef ittenta jaghmel il-prova illi il-proprjetà immobiljari formanti parti mill-assi ereditarji ta' Bartolomeo Debono - b'eccezzjoni ta' l-ghalqa in kwistjoni - kienet già giet aljenata meta saru l-kuntratti illi taw lok ghall-kawza odjerna. Però, fost l-imsemmija dokumenti illi esebixxa l-attur Mario Micallef hemm kopja tad-denunzja tas-successjoni ta' Bartolomeo Debono (fol. 94 sa 97). Fost l-assi dikjarati permezz ta' l-istess denunzja hemm ammonti konsiderevoli ta' flus depozitati f'diversi kontijiet bankarji. Ma jirrizultax illi dawn id-depoziti bankarji gew divizi bejn il-werrieta. F'dan il-kuntest, huwa pertinenti hafna dak illi qalet dina l-Qorti fic-citata sentenza tat-12 ta' Gunju 2001 fil-kawza fl-ismijiet *Emanuel Schembri noe. v. Paul Camilleri et*, u cioè:

"Illi lanqas ma kien ghal kollox korrett l-attur nomine appellat meta xehed li Giuseppe Dimech halla biss din il-gardina bhala assi billi mill-att ta' denunzja pprezentat

mar-rikors ta' appell jirrizultaw li kien hemm xi ftit flus ukoll' (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Minn dak kollu illi inghad sa issa huwa evidenti illi l-appell interpost mill-atturi ma jistax jigi akkolt u illi, konsegwentement, is-sentenza appellata timmerita konferma;

Ikkunsidrat:

Illi, la darba, kif ghadu kemm inghad, is-sentenza appellata timmerita konferma, ma hemmx lok illi jigi konsidrat l-appell incidentali tal-konvenuti, appell illi sar mis-sentenza *in parte* hawn fuq imsemmija tad-9 ta' Dicembru 2002 illi permezz taghha l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenuti. Tajjeb illi jigi hawn rilevat mill-gdid illi l-konvenuti kienu già appellaw minn din is-sentenza *in parte* qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata mill-atturi u illi l-konvenuti cedew l-appell relativ (fol. 87);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell principali ta' l-atturi billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata tat-2 ta' Frar, 2005;

Tastjeni milli tiehu konjizjoni ulterjuri ta' l-appell incidentali tal-konvenuti;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati mill-atturi appellanti b'eccezzjoni ta' dawk konnessi ma' l-appell incidentali illi ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------